# PROPOSTI AMBJENTALI

## DOKUMENT GĦAL KONSULTAZZJONI

### INTRODUZZJOJNI

Dawn il-proposti qegħdin jiġu ppreżentati bil-għan li jkollna Gudja iktar konxja fuq aspetti ambjentali, kemm bħala lokalità ġeografika u kif ukoll bħala residenti. L-għan ewlieni huwa li r-residenti, sidien jew investituri ta' stabbilimenti, organizzazjonijiet u kif ukoll l-Kunsill Lokali jaħdmu flimkien sabiex iwettqu dawn il-proposti ambjentali.

## IT-2 PARTI: TRASPORT

2.1. Trasport sostenibbli għandu jkun mħeġġeġ u iktar aċċessibbli għal kulħadd. Bosta żgħażagħ, adulti u anzjani jagħmlu użu mir-rota jew mezz ta' trasport ieħor li żgur iħalli inqas tniġġis biex wieħed imur minn post għall-ieħor ġewwa r-raħal. Biex inkomplu ninkoraġixxu l-faċilità tal-użu tar-rota jkun vera utli li jiġu installati bike racks f'postijiet differenti madwar ir-raħal. Dawn għandhom jiġu installati maġenb il-Ġnien Raymond Caruana, il-Ġnien Ta' Xlejli, il-Ġnien ta' ħdejn il-grawnd tal-futbol, l-ispazju miftuħ fi Triq Birżebbuġa, fil-Housing Estate u f'postijiet oħra.

2.2. Li nisimgħu mill-esperti huwa importanti ferm. Il-Kunsill Lokali għandu jaħdem ma' għaqdiet mhux governattivi (NGOs) tar-roti u ma' entitajiet tal-Gvern sabiex jippromwovu sewqan tar-rota sigur. Fort oħrajn, dan għandu jinkludi l-għoti ta' tagħmir ta' sikurezza, taħdidiet fuq il-liġijiet assoċjati maċ-ċikliżmu u korsijiet qosra dwar is-sewqan tar-rota.

2.3. Il-Kunsill Lokali għandu jkollu għodda bażika għat-tiswija tar-rota li jistgħu jiġu mislufa lir-residenti dejjem bl-għan li s-sewqan tar-rota jkun iktar aċċessibbli għal kulħadd, partikolarment għal nies ekonomikament żvantaġġjati. Barra minn hekk is-sewqan tar-rota fi grupp joħloq sens ta' komunità. Dawn l-għodod jistgħu jiffurmaw parti minn tool library.

2.4. L-iskeda ta’ ħinijiet tal-linja biex titlaq jew tasal il-Gudja għandha tkun waħda prattika u li tilħaq il-bżonnijiet ta’ kulħadd. Ma jagħmilx sens li l-iskeda tal-ħin tibda tard jew inkella tispiċċa kmieni ħafna. Dan jista’ jbiegħed lin-nies milli jużaw it-trasport pubbliku li fl-aħħar mill-aħħar ser jikkawża aktar traffiku fit-toroq. Barra minn hekk il-Kunsill Lokali għandu jiffaċilita l-ilmenti tar-residenti billi jinħoloq mekkaniżmu biex dawn jinġabru f’post wieħed. Il-kumpilazzjoni ta’ din id-data u l-pubblikazzjoni tagħha tgħin fit-taħdidiet mal-operaturi tal-karozzi tal-linja u għandha tiġi mgħoddija lil Transport Malta.